**31 ta' Ottubru, 1984**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Carmelo Schembri LL.D. - President**
**Onor. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

John Mallia

*versus*

George Madden

## Kiri ta' Post ta' Villeġġatura

*Għar-rigward ta' l-użu regolari o meno ta' fond għall-iskop ta' villeġġatura ġie ritenut li l-perijodi ta' villeġġatura jiddependu mill-esiġenzi ta' xogħol, stat ta' saħħa u ċirkostanzi oħra partikolari għal kull individwu. Il-fatt li wieħed juża' l-fond ta' villeġġatura għal* weekends *biss matul is-sajf u sporadikament għal xi ġranet matul ix-xitwa ma jwassalx neċessarjament għall-konklużjoni li mhux qed isir użu mill-fond.*

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera illi permezz tiegħu r-rikorrent John Mallia talab illi jiġi awtorizzat jirriprendi pussess tal-fond Flat 2, May-Year Flats, Triq B, San Pawl il-Baħar, illi huwa jikri lill-intimat George Madden peress illi l-istess intimat mhu qed juża' l-fond prattikament qatt jew għal xi ġranet biss fis-sena u r-rikorrent għandu bżonn l-istess fond għall-użu tiegħu;

Rat ir-risposta ta' l-intimat; li ssottometta illi, għar-raġunijiet fl-istess risposta msemmija, it-talba ta' l-imsemmi John Mallia għandha tiġi rriġettata bl-ispejjeż;

Rat id-deċiżjoni ta' l-imsemmi Bord tal-21 ta' Ottubru, 1982, li permezz tagħha dak l-istess Bord ċaħad it-talba tar-rikorrent John Mallia bl-ispejjeż kontra tiegħu, wara li kkunsidra:

Illi jidher illi l-kontendenti jaqblu illi l-fond *de quo* inkera lill-intimat għal skop ta' villeġġatura;

Illi r-rikorrent qed jibbaża t-talba tiegħu fuq żewġ kawżali:

In-nono uso tal-fond da parti ta' l-intimati;

Il-bżonn tal-fond għall-użu tiegħu ċjoè tar-rikorrent;

Illi l-Bord huwa tal-fehma illi, trattandosi ta' fond mikri għal skopijiet ta' villeġġatura, l-intimat, meħuda in konsiderazzjoni l-istat ta' saħħa ta' martu u x-xogħol tiegħu u ta' uliedu, qed jagħmel użu, mill-fond *de quo* għalkemm mhux kostanti, f'tali miżura illi ma għandux jiġi penalizzat bil-miżura estrema ta' l-iżgumbrament;

Illi fil-kors tal-kawża r-rikorrent xehed illi għandu bżonn jirriprendi pussess tal-fond *de quo* sabiex jallokah lil ibnu Raymond, illi kien għarus u ma kellux fejn imur joqgħod meta jiżżewweġ;

Illi r-rikorrent ma rnexxilux jipprova illi realment għandu bżonn jirriprendi pussess tal-fond *de quo* u f'dan ir-rigward huwa suffiċjenti illi jiġi rrilevat illi mill-provi prodotti jirriżulta illi fil-mori ta' din il-kawża r-rikorrent kellu għad-disposizzjoni tiegħu żewġ appartamenti, formanti parti mill-istess blokk illi minnu jagħmel parti l-fond *de quo*, u wieħed minnhom - illi fih l-istess kumditajiet tal-fond *de quo* - ir-rikorrent krieh lil *tour*

*operators*, filwaqt illi l-ieħor ġà mikri lil Joseph Conti - assenjah lil bintu Anna, illi għalkemm għandha *boyfriend*, anqas hija għarusa u wisq iffissat id-data taż-żwieġ;

Rat ir-rikors ta' l-imsemmi John Mallia li appell minn dik id-deċiżjoni u talab lil din il-Qorti tirrevoka l-istess deċiżjoni billi tiddeċidi favur it-talba tiegħu, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-intimat appellat;

Rat ir-risposta ta' l-intimat appellat li ssottometta li l-appell għandu jiġi miċħud u d-deċiżjoni appellata tiġi kkonfermata bl-ispejjeż kontra r-rikorrent appellant;

Rat l-atti kollha rilevanti u opportuni;

Semgħet bil-ġurament lill-appellant;

Semgħet it-trattazzjoni ta' l-appell mid-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi mhux kontestat li l-fond in kwistjoni kien ġie mikri lill-intimat appellat għal skopijiet ta' villeġġattura u għalhekk wieħed ma għandux jistenna li jkun okkupat mill-intimat ininterrottament matul is-sena kollha;

Mill-provi prodotti jirriżulta li l-intimat dejjem baqa' jagħmel użu mill-fond għal skop ta' villeġġattura u ma jistax jingħad, kif jallega l-appellant, li huwa "qed juża dan il-post prattikament qatt". Il-perijodi ta' villeġġatura ovvjament jiddependu mill-esistenzi ta' xogħol, stat ta' saħħa u ċirkostanzi oħra partikolari għal kull individwu, u l-fatt li wieħed juża l-

fond ta' villeġġatura għal *weekends* biss matul is-sajf u sporadikament għal xi ġranet matul ix-xitwa ma jwassalx neċessarjament għall-konklużjoni li mhux qed jagħmel użu mill-fond;

Għal dak li huwa bżonn tar-rikorrent appellant, din il-Qorti taqbel perfettament mal-konklużjoni li wasal għaliha l-Bord, anzi, jista' jiżdied illi bix-xhieda ta' l-istess appellant din il-Qorti tħossha iżjed konvinta li f'dan ir-rigward ma tistax ħlief tikkondividi l-ġudizzju tal-Bord;

Għal dawn il-motivi, għalhekk, tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma d-deċiżjoni appellata bl-ispejjeż kontra l-appellant.